MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Numru 979/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**SANDRO DEBONO**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Sandro Debono 23 sena bin Paul u Grace nee' Vella mwieled fil-Pieta' fit-8 ta' Dicembru, 1981 u li joqghod fil-fond 73 Triq Borg Fluer Des Lys B'Kara. Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10382(M) gie akkuzat talli:

Fit-29 ta' Awissu, 2005 ghall-habta tal-10.00 ta' filghodu fi Triq Borg B'Kara kkommetta serq ta' stereo tal-marka

mhux maghrufa minn vettura tal-ghamla Citroen AX bin-numru tar-registrazzjoni AAC827 ghad-dannu ta' missieru Paul Carmelo Debono minn B'Kara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Paul Carmelo Debono, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U finalment talli fil-Furjana fid-29 ta' Awissu, 2005 ghall-habta tan-12.30 ta' wara nofsinhar, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-deposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga  msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova lid-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G. N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali a tenur tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta markata bhala Dok CM2 a fol. 9 tal-Process u il-kunsens tal-Avukat Generali markat bhala Dok CM3 a fol. 10 tal-Process.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tielet akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza.

Inoltre innutat li fid-deposizzjoni tax-xhud Paul Carmelo Debono moghtija fis-Seduta tat-28 ta’ April, 2006 dan ix-xhud qal:
“Jien nigi missier l-imputat Sandro Debono. Jien nikkonferma li in kwantu ghal stereo li kien insteraqli mill-vettura Citroen AX bin-numru ta’ registrazzjoni AAC827 fid-29 t’Awissu 2005 dan l-istereo issa gie ritornat lura lili. Nghid illi in kwantu ghal hsara li kelli fuq l-imsemmija vettura din issewwiet u l-imputat Sandro Debono ghamel tajjeb ghal hsara.”

Tosserva li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, li hu konsapevoli li l-imputat irritorna ir-rifurtiva u li hallas il-hsarat, li l-imputat jidher li qabad it-triq it-tajba u li

fil-fatt l-imputat qieghed jattendi programm residenzjali f’San Blas. Finalment l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ammont ta’ droga f’dan il-kaz kienet de minimis.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b) u (g), 263, 271(g), 278(2), 281(a) u 325(c) tal-Kap. 9 u id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-ewwel skeda tal-istess Kap. u r-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G. N. 292/1939) kif sussegwentement emendati.

Issib lill-imputat Sandro Debono, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fedina penali netta tieghu, dak dikjarat mix-xhud Paul Carmelo Debono fis-Seduta tat-28 ta’ April, 2006 u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, u kif ukoll dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u cioe’ li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, li hu konsapevoli li l-imputat irritorna r-rifurtiva u li hallas il-hsarat, li l-imputat jidher li qadad it-triq it-tajba u li fil-fatt l-imputat qieghed jattendi programm residenzjali f’San Blas. Finalment l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ammont ta’ droga f’dan il-kaz kienet de minimis, tillibera lill-imputat Sandro Debono taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inkwantu ghat-tielet akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Sandro Debono, li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-akkuza fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, peress li l-imsemmija tielet akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Sandro Debono.

Inoltre il-Qorti tordna il-konfiska u id-distruzzjoni tal-kontenut ta’ Dok CM7 konsistenti f’qartas issigillat

kontenenti d-droga eroina u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lill-Ispizjar Mario Mifsud.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Sandro Debono l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal fini tan-nomina tal-Ispizjar Mario Mifsud f'din is-Sentenza tordna notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza lill-istess Spizjar Mario Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------